



Introduzzjoni għall- Ftehim ta' Sħubija Ekonomika UE-Ġappun

Kooperazzjoni regolatorja u miżuri nontariffarji

X'inhom kooperazzjoni regolatorja?

Kooperazzjoni regolatorja tfisser li regolaturi minn żewġ pajjiżi jew reġjuni differenti jingħaqdu flimkien biex:

- jaqsmu esperjenzi u informazzjoni
- jidentifikaw oqmsa ta' interess reċiproku għal ħidma konġunta
- jaħdmu aktar qrib xulxin fuq l-iżvilupp ta' standards internazzjonali
- jiddiskutu b'liema mod se jindirizzaw il-kwistjonijiet li jgħid meta r-regolamenti taż-żewġ naħat ikunu differenti jew ikunu inkompatibbli.

X'inhuma miżuri nontariffarji (MNTs)?

Miżuri nontariffarji, inkluż ostakli regolatorji, huma ostakli differenti mit-tariffi doganali li jostakolaw il-kumpaniji li jesportaw għal pajjiż ieħor. Dawn jinkludu affarijiet bħal:

- standards tekniċi differenti jew ikkumplikati żejjed,
- proċeduri għall-approvazzjoni tal-prodotti
- kontrolli biex jiżguraw li daww jikkonformaw mar-regolamenti.

Għaliex il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika UE-Ġappun jinkludi kooperazzjoni regolatorja u MNTs?

MNTs xi drabi jistgħu jkunu ostakoli deliberati għall-importazzjonijiet. Iżda ħafna drabi huma miżuri leġittimi minn gvern. Il-mistoqsija hija jekk jistgħux jiġu simplifikati, jew jekk jistgħux jiġu armonizzati approċċi differenti.

F'xi każijiet l-UE u l-Ġappun għandhom approċċi differenti fir-regolazzjoni ta' oġġetti u servizzi.

Qabel ma l-UE bdiet tinnegozja ftehim mal-Ġappun, hija wettqet konsultazzjoni pubblika. Ħafna minn daww li wiegħbu - l-aktar l-industriji tal-ikel, tal-karozzi, tal-farmaċewtika u dik medika - saħqu li l-ostakli regolatorji Ġappuniżi preżenti jillimitaw l-opportunitajiet tagħhom.

Standards u rekiziti tekniċi differenti - kif ukoll kwistjonijiet regolatorji u amministrattivi oħra, kemm fil-fruntiera kif ukoll lil'hinn minnha, jillimitaw ukoll il-kummerċ. Differenzi bħal dawn jimponu kostijiet kemm għan-negozji, li jridu jirrispettaw ir-regoli differenti, kif ukoll għall-awtoritajiet pubbliċi, li jridu jinfurzawhom.

Daww li wiegħbu rrapportaw ukoll li l-awtoritajiet fil-Ġappun spiss interpretaw ir-regolamenti b'mod mhux prevedibbli, u komplew ħolqu l-inċertezza.

X'beħsiebha tikseb l-UE fil-ftehim UE-Ġappun?

Il-Ġappun qabel li:

- jeżamina lista ta' miżuri nontariffarji li jagħmlu l-esportazzjoni altur iebsa għadditi tal-UE
- isib mezzi kif jissimplifikahom u
- jadotta aktar standards internazzjonali, b'mod partikolari l-istess li tuża l-UE.



L-UE pproponiet ukoll li jitwaqqaf Kumitat Regulatorju ta' Kooperazzjoni konġunt mal-Ġappun.

Din mhijjex entità indipendenti. Hija biss forum li fih l-UE u l-Ġappun jiskambjaw il-fehmiet dwar kif għandha ssir ir-regolamentazzjoni:

- iktar effettiva
- aktar sempliċi
- orfios għal kumpaniji biex jikkonformaw magħha u għar-regolaturi biex jinfurzwaw.

1. L-ittrattat tal-MNTs

L-UE ppreżentat lill-Ġappun b'żewġ listi ta' MNTs, u l-Ġappun ħa' ħsieb ammont imdaqqaqas ħafna minnhom. Irrizuta li xi kwistjonijiet li qajjmet l-UE sadanittant ġew solvuti.

Mill-ewwel lista, il-Ġappun implimenta soluzzjonijiet regolatorji għal madwar 75%.

Madwar is-setturi kollha ir-rata globali ta' riżoluzzjoni tal-listi fuq iż-żewġ naħat hija qrib il-50%, inkluż maġġoranza kbira ta' kwistjonijiet relatati ma' karozzi, farmaċewtiċi u apparat mediku.

2. Lejn standards internazzjonali

Id-diskussjonijiet tar-regolaturi dwar il-lista tal-MNTs irriżultat ukoll f' ċaqliq politiku mill-Ġappun lejn użu akbar ta' standards internazzjonali, l-aktar dawk li tapplika wkoll l-UE.

Karozzi

L-istandards tal-UE għal-karozzi u l-partijiet tal-karozzi, kif ukoll għal vetturi oħra, huma bbażati mill-qrib ħafna fuq standards internazzjonali stabbiliti minn korp tan-NU (UN-ECE). Il-Ġappun huwa membru wkoll, iżda s'issa ta' spiss uża dawn l-istandards parzjalment biss.

Issa l-Ġappun qabel li jallinja l-istandards tiegħu għal kollox ma' dawk tal-UN-ECE, bħal ma tagħmel l-UE.

Se jitpoġġew fis-seħħ proċeduri robusti biex jiżguraw li l-Ġappun jirrispetta dawn l-impenji.

Farmaċewtiċi

Il-Ġappun qabel li:

- jirreferi għall-Kunsill Internazzjonali dwar l-Armonizzazzjoni ta' Rekwiżiti Tekniċi għal Farmaċewtiċi għall-Użu Uman (ICH) bħala l-korp internazzjonali li jstabbilixxi l-istandards u
- juża l-linji gwida tal-ICH bħala bażi għall-leġiżlazzjoni tiegħu.

Tessuti

Għal tikketti ta' kura, l-Ġappun irrifirma s-sistema tiegħu u allinjaha mal-istandard ISO li jintużaw mill-industrija tal-UE. Dan ilu rekwiżit tal-UE għal żmien twil.

UE-Ġappun



FTEHIM TA' SĦUBIJA EKONOMIKA

Oħrajn

Il-Ġappun qed jgħaddi għall-istess standards internazzjonali bħal dawk użati mill-UE f'diversi industrij oħra.

Il-futur

Il-ftehim UE-Ġappun jeħtieġ li jiżgura wkoll li fil-futur ma jkunx hemm differenzi regolatorji żejda.

Mod minnhom kif jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet huwa billi r-regolaturi miż-żewġ naħat jikkoperaw fuq bażi regolari - biex jiskambjaw ideat u esperjenzi, u jidentifikaw oqsma li fihom jistgħu jikkoperaw fil-futur.

Għażliet regolatorji differenti dejjem huma possibbli, iżda dawn m'għandhomx jinqalgħu biss minħabba nuqqas ta' djalogu.

Barra minn hekk, ir-regolaturi tal-UE u tal-Ġappun jaffaċċjaw sfidi simili, u d-djalogu u l-kooperazzjoni joffru opportunitajiet għal regolamentazzjoni aktar effettiva fuq iż-żewġ naħat.

3. It-twaqqif ta' korp regolatorju konġunt

Il-ftehim jinkludi kapitoli separat dwar Prattiki Regolatorji Tajba u kooperazzjoni regolatorja. Fih l-UE tipproponi t-twaqqif ta' Kumitat

Regolatorju ta' Kooperazzjoni (RCC), magħmul minn rappreżentanti u regolaturi tal-gvern miż-żewġ naħat.

Ir-RCC se:

- jippermetti lir-regolaturi jiskambjaw prattika tajba fir-regolamentazzjoni, l-esperjenza u l-informazzjoni
- jgħin fl-identifikazzjoni ta' qosma fejn ir-regolaturi jistgħu jaħdmu flimkien
- itejjeb il-kooperazzjoni fuq standards internazzjonali.

L-RCC mhux se:

- jkun kapaċi jbidel regolamenti eżistenti
- jiżiluppa leġiżlazzjoni ġdida
- jkollu kwalunkwe setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet
- jirrestrinġi s-setgħa ta' teħid ta' deċiżjonijiet tar-regolaturi fl-Istati Membri tal-UE jew fil-livell tal-UE.

Il-kooperazzjoni regolatorja se tibqa' volontarja għal kollox. Din mhijiex se teffettwa d-dritt kemm tal-UE kif ukoll tal-Ġappun biex jiddefinixxu jew jirregolaw il-livelli tagħhom stess ta' protezzjoni biex jiksbu għanijiet ta' politika pubblika.

Barra minn hekk, dan il-Kapitolu ma japplikax għall-awtoritajiet regolatorji fi Stati Membri tal-UE, jew għall-miżuri, prattiki jew approċċi li huma jadottaw.